# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 481/2022/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Margaret Borg**

Illum 29 ta' Frar 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellanti **Margaret Borg**, detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 630748(M), akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'dawn il-Gżejjer fil-5 ta' Diċembru 2015 u fil-jiem ta' qabel:

1. kellha fil-pussess tagħha r-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża bi ksur ta' Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tagħha;

2. kellha fil-pussess tagħha d-droga eroina speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta) meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-Raba' (4) u s-Sitt (6) Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzata li timmanifattura jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess tagħha u naqset li tipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilha għall-użu tagħha skont ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta), liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tagħha;

3. forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga eroina speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta) lill-persuna jew persuni jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellha liċenzja mill-President ta' Malta mingħajr ma kienet awtorizzata bir-Regoli tal-1939 Għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li tforni d-droga u mingħajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tas-Sitt (6) Taqsima ta' l-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellha liċenzja jew xorta oħra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellha liċenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur ta' Regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 Għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta);

4. ikkommettiet dawn ir-reati fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, *club* jew xi post simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ bi ksur ta' Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-proprjeta' mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lilhom jew ikunu imissu lill-imputata jew huma proprjeta' tagħha kif ukoll sabiex tipprojbixxi lill-imputata milli tittrasferixxi jew xort'oħra tiddisponi minn xi proprjeta' mobbli jew immobbli, *ai termini* ta' Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta) u ta' Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali (Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta).

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll li, f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputata tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-3 ta' Novembru 2022, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u Regolamenti 4 u 9 tal-Avviż Legali 292 tal-1939 hekk kif sussegwentement emendat, filwaqt li sabet lill-imputata mhux ħatja tar-raba' (4) imputazzjoni, sabitha ħatja tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjoni miġjuba kontra tagħha u kkundannatha piena ta' sena priġunerija. *Ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill-imputata sabiex tħallas l-ispejjeż konnessi mal-ħatra ta' l-esperti fil-proċeduri odjerni u ċioè s-somma ta' erba' mija u sittin Euro u sitta u tletin ċenteżmu (€460.36) fi żmien sitt xhur minn dakinhar li ngħatat is-sentenza. Il-Qorti ordnat ukoll id-distruzzjoni tad-droga eżebita hekk kif is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li kellu jirrediġi Proċess Verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument kellu jiġi nserit fl-atti tal-kawża sa mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-Rikors tal-appellanti ppreżentat fil-21 ta' Novembru 2022 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tilqa' dan l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma l-parti fejn hija ġiet misjuba mhux ħatja tal-aggravju miġjub fir-raba' imputazzjoni filwaqt li tħassarha fil-bqija u minflok tillibera lill-esponenti minn kull ħtija u piena jew alternattivament tirriforma l-istess sentenza fil-parti konċernanti l-piena billi minflok tiġi mposta piena aktar ġusta u ekwa li tagħmel tajjeb għall-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellanti, liema Risposta ġiet ippreżentata fit-30 ta' Jannar 2024.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-3 ta' Novembru 2022.

Illi l-fatti tal-kawża jirrigwardaw investigazzjoni tal-Pulizija fejn fil-5 ta' Diċembru 2015 kienet qed issir osservazzjoni tad-dar tal-appellanti. Waqt l-osservazzjoni ġew innutati xi nies li kienu qed jidħlu fid-dar tagħha. F'mument minnhom daħlet ukoll persuna li meta ħarġet ġiet segwita mill-Pulizija fejn irriżulta li din fuqha kellha xi droga. Minn dan il-punt, il-Pulizija daħlu fid-dar tal-appellanti u sabu tfajjel ta' għaxar (10) snin. Meta mistoqsi min kien hemm id-dar, it-tfajjel indika li kien hemm in-nanna (li tiġi l-appellanti) u li kienet fuq il-bejt. Il-Pulizija telgħu għal fuq il-bejt

u huma u telgħin raw jekk kienx hemm xi ħadd fil-kmamar iżda ma rriżulta li kien hemm ħadd. Kif indikat mit-tfajjel, fuq il-bejt kien hemm l-appellanti. Saret tfittxija fid-dar fejn instabet xi droga u flejjes moħbija.

Illi permezz tal-appell tagħha l-appellanti tressaq żewġ aggravji li din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tistħarriġhom separatament. Qabel tipproċedi ulterjorment, din il-Qorti tinnota li jkun opportun li tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Jannar 2024 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Brandon Said** (Numru 17/2023/1) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tibdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellanti fir-Rikors tal-appell tagħha.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-ewwel aggravju l-appellanti tilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet applikazzjoni u/jew interpretazzjoni ħażina jew inkompleta tal-liġi meta sabet ħtija dwar l-ewwel tliet imputazzjonijiet minħabba li, skont hi, meta l-Qorti msemmija

evalwat il-provi mressqa hija naqset milli tapplika prinċipji essenzjali fil-kamp kriminali u ċioè is-segwenti:

- il-preżunzjoni tal-innoċenza;
- il-fatt li huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-każ tagħha;
- id-difiża għandha tipprova l-allegazzjonijiet sal-grad tal-probabbli; u
- meta sejbien ta' ħtija jkun ibbażat fuq provi indizzjarji, tali indizzji għandhom ikunu inekwivoċi u jippuntaw lejn spjegazzjoni waħda u mhux aktar.

Illi l-appellanti tilmenta li l-Ewwel Qorti naqset milli taderixxi ma' dawn il-punti fis-sentenza mogħtija minnha.

Illi waqt is-sottomissjonijiet li nstemgħu quddiem din il-Qorti, il-konsulent legali tal-appellanti saħaq li m'huwiex stabbilit minn fejn kiseb id-droga Emanuel Cachia li kien il-persuna arrestata mill-Pulizija meta kien fil-kumpanija tat-tfajla tiegħu. Tisħaq li għalhekk jista' jkun li tali droga kisibha mingħand din it-tfajla.

Illi fir-rigward tad-droga li nstabet fid-dar tagħha, l-appellanti tgħid li hija qatt ma ammettiet li din kienet tagħha u li jeżisti wkoll il-possibilita' li d-droga kienet tat-tfal tagħha li sfortunatament dak iż-żmien kellhom il-vizzju tad-droga.

Illi stabbilit dan, din il-Qorti tinnota li (kif qal l-Avukat Ġenerali) fl-atti proċesswali ma hemm xejn li jindika li l-osservazzjoni kienet fuq xi persuna partikolari. Mix-xiehda mogħtija mill-Pulizija jirriżulta li l-osservazzjoni kienet ma' proprjeta' u mhux ma' persuna.

Illi rigward il-provenjenza tad-droga li kellu Emanuel Cachia, din il-Qorti tibda billi tirreferi għax-xiehda mogħtija minn PS 1163

Frans Schembri fit-18 ta' Diċembru 2015 (*a fol.* 54 *et seq.*) fejn jispjega li ra lil Cachia dieħel fid-dar tal-appellanti. Issa mhux kontestat li meta twaqqaf Emanuel Cachia kellu fuqu d-droga eroina.

Illi fis-seduta miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti fit-18 ta' Diċembru 2015 (*a fol.* 44), il-Prosekuzzjoni talbet li jsir eżami komparattiv bejn l-eżebiti li ġew prelevati mid-dar tal-appellanti u l-eżebiti li ġew maqbuda minn fuq il-persuna ta' Emanuel Cachia. L-Ewwel Qorti laqgħet din it-talba u ħatret lix-Xjenzat Godwin Sammut sabiex iwettaq din l-analiżi. Fix-xiehda mogħtija mix-Xjenzat Sammut fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2018, huwa qal hekk (*a fol.* 113):

> "Issa, meta naslu għall-kwistjoni ta' *comparison*, minħabba li s-sustanzi ta' lewn kannella li kien hemm fid-dokument immarkat SB610/2015 u SB598/2015, kien hemm *similar* fil-purita', fil-*physical appearance* u anke bħala kimikament jindika li dawn huma *linked by a common history*."

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti dan juri li d-droga li nstabet fuq il-persuna ta' Emanuel Cachia kienet ġejja mill-istess sors tad-droga li nstabet għand l-appellanti. Għalhekk stante li Emanuel Cachia kien għadu kif ħareġ mid-dar tal-appellanti, iċ-ċirkostanzi jippuntaw li tali droga kienet ġejja minn dik id-dar.

Illi magħdud ma' dan hemm il-fatt li skont ma xehed PS 1163 Frans Schembri fis-seduta tat-18 ta' Diċembru 2015 (*a fol.* 54 *et seq.*), Emanuel Cachia kien għadu kemm sarraf xi flus: din hija indikazzjoni li kellu intenzjoni jħallas għal xi ħaġa b'ammont preċiż. Dan juri li t-tranżazzjoni tax-xiri kienet intiża li sseħħ fil-qrib. B'żieda ma' dan hemm ukoll dak li qal l-istess PS 1163 Schembri meta jispjega li wara li Emanuel Cachia sarraf il-flus fl-ispiżerija dan mar direttament fid-dar tal-appellanti. Fil-fehma ta' din il-Qorti, din hija ċirkostanza li tipponta b'mod inekwivokabbli għall-fatt li t-tranżazzjoni seħħet proprju f'dak il-mument.

Illi mix-xiehda mogħtija mill-Pulizija kollha jirriżulta li l-uniċi persuni li kien hemm fid-dar kienu tfajjel ta' għaxar (10) snin u l-appellanti li meta daħlu l-Pulizija kienet fuq il-bejt. Allura jikkonsegwi li l-provi ċirkostanzjali kollha qed jippuntaw lejn direzzjoni waħda u ċioè lejn l-appellanti. Lanqas huwa ta' fejda l-argument li d-drogi li nstabu fid-dar kienu ta' ulied l-appellanti u dana peress li mill-fatti jirriżulta li kienet biss l-appellanti li setgħet biegħet tali droga lil Emanuel Cachia minkejja l-fatt li dan ta' l-aħħar għamel dak kollu li seta' biex ma jikxifhiex!

Illi, tenut kont ta' dan kollu, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha bil-konsegwenza li l-ewwel aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tieni aggravju tagħha l-appellanti tilmenta li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija waħda sproporzjonata tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ.

Illi l-appellanti tgħid li hija ammettiet fl-istqarrija u kkooperat bi sħiħ sa mill-bidu nett. Tispjega li l-piena għandha tkun mezz riformattiv a skapitu li tkun mezz ta' deterrent. Għalhekk tisħaq li l-aggravju dwar il-piena għandu jintlaqa'.

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti tibda billi tinnota li hija ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fejn din il-piena ma tkunx eċċessiva jew żbaljata fil-prinċipju. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-22 ta' Settembru 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Eric Zammit** (Numru 139/2015) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi ġie stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza illi qorti ta' reviżjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioè din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-ewwel

> Qorti kienet b'xi mod *"wrong in principle"* jew *"manifestly excessive"*."

Illi minn analiżi tal-piena li setgħet tiġi erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellanti fir-rigward tal-imputazzjonijiet li hija nstabet ħatja tagħhom, din il-Qorti jirriżultalha li din il-piena hija waħda li tqarreb lejn il-minimu. Apparti minn dan, l-appellanti ma ressqet l-ebda raġuni fondata minħabba liema din il-Qorti setgħet tvarja l-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Għaldaqstant, anke t-tieni aggravju qed ikun miċħud ukoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellanti Margaret Borg u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**